

Brussell, 7 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15468/17

SOC 791
GENDER 42
ANTIDISCRIM 61
EMPL 605
EDUC 445

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Diċembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14624/17	
Suġġett:	Miżuri msaħħa biex tonqos s-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl- edukazzjoni u l-impjegi - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri msaħħa biex tonqos s-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-edukazzjoni u l-impjegi, adottati mill-Kunsill EPSCO fit-3569 laqgħa tiegħu fis-7 ta' Diċembru 2017.

**Miżuri msaħħa biex tonqos s-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-educazzjoni u l-impjiegi
Konklużjonijiet tal-Kunsill¹**

WAQT LI JENFASIZZA LI:

1. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea minqux fit-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u waħda mill-objettivi u l-kompiti tal-Unjoni, u li l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-attivitajiet tagħha kollha hija missjoni speċifika tal-Unjoni.

WAQT LI JFAKKAR:

2. Fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017, li fiha l-Mexxejja tas-27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea wegħdu li jaħdmu lejn Ewropa Soċjali: Unjoni li, fost oħrajn, tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd.
3. Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tistabbilixxi aġenda għal ekonomiji bi prestazzjonijiet aħjar u soċjetajiet aktar ekwi u reżiljenti, tistabbilixxi l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala waħda mill-20 prinċipju u dritt ewlenin essenzjali għal swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb, u tenfasizza li l-ugwaljanza fit-trattament u l-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel trid tiġi żgurata u mrawma fl-oqsma kollha.
4. L-Istrateġija Ewropa 2020, li trawwem tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u tistabbilixxi miri ewlenin interrelatati, inkluż iż-żieda fir-rata ta' impjieg fost in-nisa u l-irġiel għal 75 %.

¹ Konklużjonijiet adottati fil-qafas tar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, b'referenza partikolari għal oqsma kritiċi ta' tħassib "B: Edukazzjoni u taħriġ tan-nisa, " "L: it-Tfal Bniet," "K: in-Nisa u l-Ambjent" u "F: in-Nisa u l-Ekonomija."

5. L-Impenn strateġiku tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019, li jidentifika bosta oqsma ewlenin għal azzjoni, inkluż l-indipendenza ekonomika ugwali għan-nisa u l-irġiel u pagi ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, u jinnota li huwa aktar probabbli li n-nisa jkollhom lawrja ta' edukazzjoni ogħla iżda jibqgħu rappreżentati żżejjed f'oqsma ta' studju li huma marbuta ma' rwoli femminili tradizzjonali bħalma huma l-oqsma relatati mal-kura u jibqgħu sottorappreżentati fix-xjenza, il-matematika, l-IT, l-inġinerija u karrieri relatati.
6. L-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa, li għandha l-għan li tiżgura li n-nies ikollhom il-ħiliet adatti tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, mhux biss sabiex itejbu l-prospetti tagħhom li jidhru, jibqgħu u javvanzaw fis-suq tax-xogħol, iżda wkoll biex ikunu jistgħu jilhqqu l-potenzjal tagħhom bħala ċittadini kunfidenti u attivi.
7. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE 2017-2019 li jindirizza d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.
8. Id-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u t-tnax-il qasam kritiku ta' tħassib identifikati fihom.
9. L-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, li tiddekrivi sett ta' 17-il Għan universali, integrati u trasformattivi, li għandhom jintegraw kollha kemm huma il-perspettiva tal-ġeneri b'mod sistematiku, u li jinkludu wkoll għan speċifiku marbut mal-ugwaljanza bejn is-sessi.²

WAQT LI JILQA':

10. Ir-rapport dwar ir-Rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE intitolat "Is-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol"³ imħejji mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) fuq talba tal-Presidenza Estonjana tal-Kunsill tal-UE, li jipprovdi analiżi tas-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni terzjarja u vokazzjonali, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol, inkluż ir-rabtiet bejn is-segregazzjoni tas-sessi u d-differenza bejn l-pagi tal-irġiel u n-nisa.

² L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5: Tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tishiġ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha.

³ Dok. 14624/17 ADD 2. Sommarju eżekuttiv jidher fid-dokument 15648/17 ADD 1.

WAQT LI JINNOTA LI:

11. Il-kunċett ta' segregazzjoni tas-sessi jirreferi għall-konċentrazzjoni ta' sess wieħed f'ċerti oqsma tal-edukazzjoni jew f'ċerti professjonijiet (segregazzjoni orizzontali) jew il-konċentrazzjoni ta' sess wieħed fi gradi differenti, livelli ta' responsabbiltà jew pożizzjonijiet differenti (segregazzjoni vertikali). Dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jiffukaw fuq is-segregazzjoni orizzontali.
12. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq hídma preċedenti u impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness II.

WAQT LI JISĦAQ LI:

13. Is-segregazzjoni orizzontali tas-sessi tkompli tirrestrinġi l-għażliet tal-ħajja u l-għażliet fil-qasam tal-edukazzjoni u tal-impjiegi tan-nisa u l-irġiel. Din twassal għal inugwaljanza f'termini ta' paga, pensjoni, dħul tul il-ħajja, kondizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol, issaħħaħ l-isterjotipar tas-sessi u jillimita l-aċċess għal ċerti impjiegi waqt li tipperpetwa wkoll ir-relazzjonijiet ta' poter mhux ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-isfera pubblika u dik privata. Barra minn hekk, is-segregazzjoni tas-sessi hija waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, twassal għall-ħela ta' kapital uman, riżorsi u investiment, tfixkel l-effettività ta' għodod ta' politika, u xxekkel l-isforzi ta' aġġustament għal -bidliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk timpedixxi r-realizzazzjoni tal-potenzjal innovattiv u ekonomiku sħiħ tal-UE.
14. L-aċċellerazzjoni tal-isforzi għall-abolizzjoni tas-segregazzjoni orizzontali tas-sessi permezz tal-indirizzar tad-disparità bejn is-sessi fl-edukazzjoni u l-impjiegi tista' tiftaħ opportunitajiet ġodda għal individwi, l-ekonomija u s-soċjetà. Skont l-EIGE, l-eliminazzjoni tad-disparità bejn is-sessi fis-suġġetti STEM (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika) tikkontribwixxi għal żieda fil-PDG per capita tal-UE minn 2.2 sa 3.0 % u żieda fl-impjiegi tal-UE minn 850 000 għal 1 200 000 impjieg sal-2050. Pereżempju, fis-settur tal-ICT, li qed jikber b'mod partikolarment mgħaġġel, u li huwa wkoll segregat ħafna, il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa twassal għal żieda ta' madwar EUR 9 biljun fil-PDG tal-UE kull sena.

15. Għażliet professjonali bikrija jwasslu għal segregazzjoni qawwija fil-perkorsi professjonali. Dan jirrifletti l-fatt li l-għażla ta' okkupazzjoni atipika fir-rigward tas-sessi hija l-aktar diffiċli għall-adolesxenti.
16. Madwar l-UE, in-nisa għandhom riżultati edukattivi aħjar mill-irġiel, madankollu n-nisa jibqgħu rappreżentati żżejjed f'bosta setturi u impjiegi li huma sottovalutati, li għandhom status soċjoekonomiku baxx u li joffru pagi baxxi. Jibqgħu jkunu sottorappreżentati wkoll f'pożizzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha, anki fis-setturi u l-okkupazzjonijiet fejn huma jiddominaw.
17. Ir-riskju li s-subien jitolqu kmieni mill-iskola huwa ogħla minn dak tal-bniet. It-tluq bikri mill-iskola ta' spiss ikollu impatt negattiv fuq l-opportunitajiet futuri li joffri s-suq tax-xogħol, b'mod partikolari peress li hemm riskju akbar li l-postijiet tax-xogħol li jirrikjedu livell baxx ta' kwalifiki jspiċċaw minħabba l-awtomatizzazzjoni. Il-prevalenza tas-segregazzjoni tas-sessi fi professjonijiet li jinvolvu xogħol bla sengħa u jirrikjedu kwalifiki aktar baxxi tista' xxekkel it-tentattivi biex wieħed isib impjieg alternattiv.
18. Filwaqt li l-isfidi ta' soċjetà bbażata fuq it-teknoloġija u popolazzjoni li qed tixjeh jinkludu domanda għal ħaddiema dejjem tikber u nuqqas kemm fis-settur STEM kif ukoll f'dak tal-EHW (l-edukazzjoni, is-saħħa, u l-benesseri soċjali), is-segregazzjoni tas-sessi tibqa' għolja f'dawn l-oqsma fl-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll fis-suq tax-xogħol.
19. Il-ħolqien, il-prevalenza u l-perpetwazzjoni tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ u fis-suq tax-xogħol huma r-riżultat ta' firxa ta' fatturi fil-livell strutturali, organizzattiv u individwali. L-istereotipi tas-sessi u n-nuqqas ta' aċċettazzjoni min-naħa tas-soċjetà ta' mġiba ta' ġeneru mhux konformi għandhom impatt negattiv fil-livelli kollha.
20. Id-differenzi fl-organizzazzjoni tax-xogħol f'setturi segregati skont is-sessi, inkluż id-differenzi marbuta mal-ħin tax-xogħol, jinfluwenzaw l-għażliet u d-deċiżjonijiet edukattivi u okkupazzjonali tan-nisa u l-irġiel. L-ambjent tax-xogħol jista' wkoll jaffettwa għażliet, b'riżultat li, pereżempju, il-fastidju u s-sessiżmu fuq il-post tax-xogħol jiskoraġġixxu b'mod partikolari lin-nisa milli jipparteċipaw f'ċerti setturi.

21. Bħalissa, il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol fl-UE kollha hija aktar baxxa minn dik tal-irġiel, b'diskrepanza attwali fl-impjegi bejn is-sessi ta' 11.6 punti perċentwali u li tilħaq u taqbeż it-18-il punt perċentwali f'termini ta' ekwivalent għall-full time. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol kif ukoll l-għażliet u l-opportunitajiet tagħhom tal-karriera huma affettwati ħafna mill-kondiviżjoni inugwali ta' responsabbiltajiet domestiċi u familjari bejn in-nisa u l-irġiel. Dawn il-problemi jistgħu jitnaqqsu permezz ta' politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata mfassla tajjeb u adegwati, inkluż l-għoti ta' servizzi ta' indukrar formali ta' kwalità, aċċessibbli u abbordabbli għat-tfal u dipendenti oħra, u arranġamenti ta' xogħol flessibbli kif ukoll inċentivi biex l-irġiel jerfgħu aktar responsabilitajiet domestiċi u familjari.
22. Id-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa, li bħalissa hija ta' madwar 16.3 % fl-UE, u d-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet relattiva, li bħalissa hija ta' madwar 37.6 %, jirriflettu d-differenzi fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-irġiel u n-nisa, inkluż is-segregazzjoni orizzontali. It-telf ta' dħul li jirriżulta minn dan jakkumula tul il-ħajja u jwassal għal disparità fil-qliġ totali bejn l-irġiel u n-nisa.
23. Il-ħiliet li b'mod sterjotipat jiġu attribwiti lin-nisa bħala ħaġa naturali, jistgħu spiss ikunu inviżibbli, li jwassal biex jiġu sottovalutati. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li x-xogħol li jsir prinċipalment min-nisa f'oqsma bħall-kura u l-edukazzjoni huwa tabilħaqq xogħol, li jirrikjedi ħiliet li jistgħu jinkisbu permezz ta' edukazzjoni formali u li dan għandu valur ekonomiku. Is-sottovalutazzjoni ta' professjonijiet tradizzjonalment iddominati min-nisa hija riflessa mill-fatt li ma jitħallsux biżżejjed, forma ta' inugwaljanza li tnaqqas ukoll il-motivazzjoni tal-irġiel li jidħlu għal professjonijiet bħal dawn u jibqgħu f'tali professjonijiet.
24. Minkejja l-isforzi li saru kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, għadu ma sarx progress biżżejjed fuq l-impenji magħmula fil-kuntest tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, u hteġa għal indikaturi ċari ddedikati b'mod speċifiku għall-kwistjoni tas-segregazzjoni tas-sessi.
25. Fir-rapport tiegħu dwar is-Segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol, l-EIGE jissuġġerixxi sett ġdid ta' indikaturi għall-monitoraġġ tas-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol, abbażi ta' indikaturi eżistenti, u li jinkludu żewġ indikaturi ġodda ffukati fuq il-proporzjon ta' bniet u subien li mistenni jaħdem f'okkupazzjonijiet relatati max-xjenza u s-sehem tan-nisa u l-irġiel impjegati fl-oqsma STEM u EHW.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

26. Jilqa' l-proposta biex jiġu ristrutturati l-indikaturi għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing rigward is-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol kif tinsab fl-Anness I, inkluż l-istabbiliment ta' żewġ indikaturi ġodda.

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom u filwaqt li jieħdu kont ta' ċirkustanzi nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, BIEX:

27. Jiżviluppaw u jimplimentaw politiki komprensivi, integrati, sostenibbli, multidimensjonali u sensitivi għall-ugwaljanza bejn is-sessi għall-indirizzar tas-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol, li jikkombinaw miżuri universali u mmirati u jindirizzaw il-firxa kollha ta' fatturi rilevanti sabiex iwasslu għal bidla strutturali u jnaqqsu d-differenzi bejn is-sessi fil-perkorsi tal-ħajja. Dan is-sett ta' politiki għandu jindirizza l-ħtieġa li jkunu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-isterjotipi marbuta mas-sessi kif ukoll is-segregazzjoni tas-sessi u jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fil-gwida vokazzjonali tul il-karriera. Dan għandu jindirizza wkoll kwistjonijiet bħall-ambjent tax-xogħol, inkluż l-aspetti ta' diskors ta' mibegħda bbażat fuq is-sessi u l-fastidju sesswali, l-arranġamenti tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa kemm sabiex jattira kif ukoll iżomm lin-nisa u lill-irġiel f'impjiegi u setturi atipiċi għal dak il-ġeneru.
28. Sabiex titnaqqas is-segregazzjoni orizzontali tas-sessi u biex il-bniet, is-subien, in-nisa u l-irġiel minn kull sfond ikunu jistgħu jagħżlu oqsma edukattivi u okkupazzjonijiet skont l-interessi u l-ħiliet tagħhom, inkluż fl-oqsma atipiċi għall-ġeneru tagħhom u jiġiegi jagħmlu dan, u biex ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta' xogħol fis-setturi kollha fuq bażi ugwali, jieħdu miżuri rilevanti bħal dawn li ġejjin:
- a. is-sensibilizzazzjoni fost it-tfal tal-iskola, l-istudenti, il-ġenituri, l-għalliema, il-kunsilliera u persuni oħra involuti fl-edukazzjoni fil-livelli kollha, il-gwida għall-karriera, ir-reklutaġġ u politiki attivi tas-suq tax-xogħol, li jiffokaw b'mod partikolari fuq l-inugwaljanza bejn is-sessi, fuq il-kawżi sottostanti tagħha u l-manifestazzjonijiet differenti tagħha, inkluż is-segregazzjoni, fuq l-interkonnessjonijiet bejn is-sessi u aspetti oħra tal-identità, u fuq miżuri possibbli li jistgħu jittieħdu f'dan il-qasam;

- b. l-indirizzar tal-isterjotipi tas-sessi u preġudizzji oħra bbażati fuq is-sessi fil-kontenut u l-metodi tat-tagħlim u jagħmlu disponibbli għodod edukattivi u oħrajn għall-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sessi u biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'kull livell tal-edukazzjoni;
- c. iż-żieda tal-attrattività tal-oqsma STEM u EHW għall-istudenti taż-żewġ sessi, inkluż, fejn rilevanti, billi jingħaqad it-tagħlim STEM mal-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali, jew mal-arti u d-disinn, u billi jingħaqad it-tagħlim EHW mal-oqsma tradizzjonalment iddominati mill-irġiel bħal STEM, filwaqt li jieħdu kont tad-diġitalizzazzjoni u d-dinja tax-xogħol li qed tinbidel;
- d. kemm il-bniet kif ukoll is-subien jiġu avżati dwar l-opportunitajiet ta' xogħol eżistenti u futuri fis-setturi ta' STEM u EHW;
- e. il-bini ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn l-iskejjel u l-postijiet tax-xogħol sabiex jippermettu għażliet tax-xogħol infurmati aħjar għall-bniet u s-subien. L-inkoraġġiment ta' min iħaddem u ta' partijiet ikkonċernati oħra biex ikollhom rwol aktar prominenti fl-isfida kontra l-perċezzjonijiet negattivi u qarrieqa ta' karrieri fi STEM jew EHW, speċjalment billi tingħata informazzjoni preċiża dwar dawn l-oqsma, permezz tal-promozzjoni pożittiva ta' mudelli eżemplari taż-żewġ sessi u billi joffru lill-istudenti opportunitajiet biex jiksbu esperjenza ta' xogħol;
- f. l-introduzzjoni tal-ICT u tal-ħiliet marbuta mal-kura kemm lill-bniet kif ukoll lis-subien sa minn kmieni, b'fokus partikolari biex tingħata aktar ispirazzjoni lill-bniet biex jiżviluppaw u jżommu interess u talent fil-qasam diġitali u lis-subien biex jagħmlu l-istess fl-oqsma marbuta mal-kura;
- g. jittieħdu passi biex tiġi indirizzata l-problema tat-tluq bikri mill-iskola, li taffettwa b'mod partikolari lis-subien u lill-irġiel; u

- h. il-ħolqien jew il-finanzjament ta' inċentivi speċifiċi u strutturi ta' appoġġ li jħeġġu lil numru akbar ta' nisa jidħlu u jibqgħu fl-oqsma STEM u lil numru akbar ta' rġiel biex jidħlu u jibqgħu fl-oqsma EHW, inklużi inċentivi u strutturi li jgħinu lil min iħaddem biex jindirizza l-problema ta' preġudizzju inkonxju fir-reklutaġġ u l-progressjoni tal-karriera, biex fuq il-post tax-xogħol irawmu klima aktar sensittiva u akkoljenti fir-rigward tas-sessi, biex juru possibbiltajiet għall-karriera u joffru programmi ta' mentoraġġ;
 - i. il-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja sabiex tiġi żgurata l-possibbiltà għall-irġiel u n-nisa ta' kwalunkwe età li jbiddu l-karriera tagħhom.
29. Jittieħdu miżuri biex jindirizzaw il-kawżi relatati mas-segregazzjoni tas-sessi fid-differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, inkluż billi:
- a. tizzied it-trasparenza fil-pagi;
 - b. jiġu żviluppati għodod għall-evalwazzjoni tax-xogħol u li dawn isiru disponibbli biex jgħinu biex jiġi determinat, b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorju, dak li jikkostitwixxi xogħol ta' valur ugwali u jiġu sensibilizzati l-impjegaturi u l-impjegati dwar il-kunċett ta' xogħol ta' valur ugwali;
 - c. jizziedu l-isforzi biex jiġi attribwit valur ugwali lill-ħiliet tan-nisa u l-irġiel, inkluż billi jiġi appoġġat ir-rikonossiment aħjar tal-ħiliet kollha, inklużi dawk tradizzjonalment assoċjati man-nisa, u tal-prestazzjoni tan-nisa fuq il-post tax-xogħol u l-kontribut tagħhom għall-ekonomija;
 - d. jiġi evalwat mill-ġdid ix-xogħol imħallas relatat mal-kura u riveduti l-istrutturi tal-pagi u r-remunerazzjoni fl-impjiegi u l-okkupazzjonijiet kollha ddominati min-nisa, bil-għan li jitkissru l-isterjotipi tas-sessi marbuta mad-differenza bejn il-pagi, kif ukoll biex titjieb il-paga fis-setturi EHW; u
 - e. tiġi implimentata u infurzata l-leġislazzjoni biex jiġu ggarantiti d-drittijiet tan-nisa u l-irġiel għal paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, BIEX:

30. Iżidu l-isforzi tagħhom biex jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki u l-miżuri relatati mal-ħiliet u s-swieq tax-xogħol fil-livell nazzjonali u tal-UE, inkluż il-finanzjament, b'attenzjoni partikolari għal inizzjattivi relatati mal-kisba ta' kwalità ogħla ta' ħiliet eżistenti u l-akkwist ta' ħiliet ġodda, u mad-diġitalizzazzjoni, ix-xjenza, ir-riċerka u l-iżvilupp, bil-għan li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel ikunu attrezzati bil-ħiliet u l-kwalifiki adattati għall-istruttura u l-ħtiġijiet preżenti u futuri tas-suq tax-xogħol u meħtieġa għall-aċċess ta' impjiegi ta' kwalità.
31. Jieħdu passi biex sistematikament javvanzaw id-desegregazzjoni waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki fil-livell nazzjonali u tal-UE biex jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, appoġġat il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u l-effetti ta' awtomatizzazzjoni, sabiex ikun żgurat li n-nisa u l-irġiel jibbenefikaw indaqs mill-opportunitajiet kollha ta' impjieg.
32. Jimmonitorjaw minn perspettiva tal-ġeneru l-politiki tas-suq tax-xogħol u tal-edukazzjoni matul l-implimentazzjoni tagħhom, u jieħdu passi biex jiżguraw li żidiet fir-rata tal-impjieg tan-nisa ma jirriżultawx f'żieda fis-segregazzjoni orizzontali jew differenza akbar bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.
33. Iżidu l-isforzi tagħhom biex jipprovdu finanzjament suffiċjenti għal politiki ġodda u biex jissaħħu l-politiki eżistenti għat-tnaqqis tas-segregazzjoni orizzontali tas-sessi u l-kawżi u l-effetti tagħha, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, jieħdu approċċ strateġiku fit-tul u jagħmlu użu effiċjenti tar-riżorsi u l-programmi tal-UE, inklużi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, u Erasmus+.
34. Jiżguraw li l-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inklużi s-sistemi u l-programmi ta' apprendistat u programmi, jinkludu miżuri biex jimmitigaw is-segregazzjoni okkupazzjonali u li l-fondi u l-inizzjattivi edukattivi nazzjonali u tal-UE jintużaw ukoll biex jappoġġaw irġiel u nisa li jibdew jaħdmu fi professjonijiet fejn is-sess oppost huwa rappreżentat iżżejjed u jersqu lejn tali professjonijiet.

35. Jieħdu passi biex inaqqsu d-distakk bejn is-sessi fis-settur tal-ICT fil-qafas tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali. Iħeġġu lil min iħaddem, speċjalment lill-kumpaniji involuti fil-Koalizzjoni għall-Filiet u l-Impjiegi Diġitali, biex jiffokaw b'mod partikolari fuq l-opportunitajiet ta' karriera indaqs għan-nisa u l-irġiel u fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjonijiet tagħhom.
36. Jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, tal-familja u ta' dik privata għan-nisa u l-irġiel billi jintroduċu miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata mfassla tajjeb u jiżguraw l-aktar disponibbiltà wiesgħa possibbli tagħhom fis-setturi u l-professjonijiet kollha, inkluż għal ġenituri u persuni involuti fil-kura li jibdew forom ġodda ta' xogħol, speċjalment billi:
- a. jieħdu azzjoni effikaċi biex iħeġġu u jappoġġaw il-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet domestiċi u familjari bejn in-nisa u l-irġiel, b'mod partikolari permezz ta' inċentivi li jinkoraġġixxu lill-irġiel jieħdu liff relatat mal-familja;
 - b. iżidu l-isforzi biex jipprovdu servizzi ta' indukrar tat-tfal u ta' kura lil persuni dipendenti oħra ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli;
 - c. jappoġġaw kemm lil min iħaddem fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat biex joffru miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, inkluż ukoll permezz ta' inċentivi biex jimplimentaw arranġamenti ta' xogħol flessibbli u miżuri favur il-familja fuq il-post tax-xogħol, bl-użu sħiħ tal-possibbiltajiet għal xogħol "intelliġenti";⁴ u
 - d. jinvestu b'mod immirat fil-prattiki tax-xogħol diġitali sabiex itejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal kulħadd.
37. Isegwu regolarment l-indikaturi li jinsabu fl-Anness I biex jimmonitorjaw b'mod sistematiku l-progress, filwaqt li jagħmlu użu sħiħ mill-ħidma tal-EIGE u l-Eurostat. Janalizzaw ir-risultati u, fejn rilevanti, jieħdu azzjoni ulterjuri kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak tal-Unjoni Ewropea.

⁴ Arranġamenti ta' xogħol "intelliġenti" fil-kuntest tal-possibbiltajiet offriti mit-teknoloġija moderna (pereżempju t-telexogħol u ħinijiet tax-xogħol flessibbli).

38. Ikomplu jsegwu d-dimensjoni tal-ġeneri tas-Semestru Ewropew, inkluż skont il-prinċipji stabbiliti fil-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u skont il-miżuri stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar inizjattiva li tappoġġa l-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata tal-ġenituri u l-persuni li jindukraw u li jaħdmu.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

39. Tinkoraġġixxi lill-Istati Membri, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati u atturi rilevanti oħrajn biex iżidu l-isforzi tagħhom biex inaqqsu s-segregazzjoni orizzontali tas-sessi, inkluż billi jenfasizzaw il-benefiċċji ekonomiċi sostanzjali tad-desegregazzjoni u l-importanza kruċjali tagħha fil-kuntest tal-ġejjieni tax-xogħol.
40. Tappoġġa inizjattivi biex jiġu stabbiliti programmi ta' desegregazzjoni f'oqsma partikolari, skont is-sejbiet tar-rapport tal-EIGE dwar "Is-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol", li jikkonferma n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tan-nisa b'mod partikolari fl-oqsma STEM u tal-parteċipazzjoni tal-irġiel fl-oqsma EHW. Tmexxi dawk il-programmi u tevalwa l-impatt tagħhom, sabiex jiffaċilitaw it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza fl-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE.
41. Tmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajbin u promettenti biex jissaħħu l-kapaċitajiet u jiġi mħeġġeġ in-netwerking.
42. Tagħmel skambju regolari mas-sħab soċjali Ewropej fil-kuntest tad-djalogu tripartitiku dwar dawn il-kwistjonijiet.
43. Tissorvelja aktar mill-qrib minn perspettiva tal-ġeneru l-miri u l-użu ta' investimenti u finanzjament relatati mal-innovazzjoni sabiex ikun evitat it-tisħiħ tal-isterjotipi u biex tkun promossa d-desegregazzjoni.
44. Timplimenta l-miżuri mħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni 2017-2019 tal-UE li jindirizza d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u tkompli tiġbor u tipprovdi d-data rilevanti dwar id-differenza eżistenti bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u l-konsegwenzi tagħha fuq il-qligħ u l-pensjonijiet.

Indikaturi dwar is-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol⁵**Qasam kritiku ta' tħassib B: L-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nisa**

Indikatur 1: Proporzjon ta' nisa u rġiel gradwati fl-edukazzjoni terzjarja (livelli ISCED 5-8) u vokazzjonali (livelli ISCED 3-4) u t-taħriġ fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u fil-qasam tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri (EHW) – tal-gradwati kollha fil-qasam ta' studju.⁶

Qasam kritiku ta' tħassib L: It-tfal bniet

Indikatur 2: Bniet u subien ta' 15-il sena: prestazzjoni fil-matematika u x-xjenza.⁷

Indikatur 3: Proporzjon tal-bniet u s-subien kollha ta' 15-il sena u dawk bl-ogħla prestazzjoni fix-xjenza li mistennija jaħdmu f'impjiegi relatati max-xjenza fl-età ta' 30 sena.⁸

Qasam kritiku ta' tħassib K: In-nisa u l-ambjent

Indikatur 4: Proporzjon ta' nisa u rġiel fost il-gradwati terzjarji mill-gradwati kollha (livelli ISCED 5 u 6) fix-xjenzi naturali u fit-teknoloġiji.⁹

Qasam kritiku ta' tħassib F: In-nisa u l-ekonomija

Indikatur 5: Segregazzjoni tas-sessi: paga grossa medja fis-siegħa ta' ħaddiema nisa u rġiel fil-5 setturi tal-industrija (u fil-5 kategoriji professjonali) bl-ogħla numri ta' ħaddiema nisa u l-ogħla numri ta' ħaddiema rġiel; id-differenza bejn il-pagi f'kategoriji professjonali tal-amministrazzjoni.¹⁰

Indikatur 6: Sehem in-nisa u sehem l-irġiel impjegati fi professjonijiet fl-oqsma ta' impjiegi STEM u EHW.¹¹

⁵ Għal aktar dettalji, ara r-rapport tal-EIGE fid-dok. 14624/17 ADD 2.

⁶ Dan l-indikatur jgħaqqad u jirrevedi żewġ indikaturi attwali taħt iż-Żona B u indikatur dwar is-sehem ta' "bniet studenti fl-edukazzjoni terzjarja" taħt iż-Żona L.

⁷ Indikatur eżistenti.

⁸ Indikatur ġdid.

⁹ Indikatur eżistenti.

¹⁰ Indikatur eżistenti.

¹¹ Indikatur ġdid.

Referenzi**1. Leġislazzjoni tal-UE:**

- Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16)
- Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004 p. 37)
- Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid). (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23)
- Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU L 180, 15.7.2010, p.1)

2. Il-Kunsill:

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill kollha adottati fuq ir-rieżami tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing¹² u Konklużjonijiet tal-Kunsill oħra dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż speċjalment dawk imsemmija hawn taħt:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2008 dwar it-Tneħħija tal-Isterjotipi tas-Sessi fis-Soċjetà (9671/08).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2008 dwar Karrieri Xjentifiċi Kompatibbli mal-Familja: lejn Mudell Integrat (9026/1/08 REV 1)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-impenn u ż-żieda fl-azzjoni biex tiġi eliminata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, u r-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (18121/10).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 dwar Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011- 2020) (ĠU C 155, 25.5.2011, p. 10).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fis-7 ta' Marzu 2011 dwar Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (6917/11).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati dwar l-"Opportunitajiet ugwali ta' dħul għan-nisa u l-irġiel: Intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel" adottati fit-18 ta' Ġunju 2015 (10081/15).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill intitolati "Lejn investiment soċjali għat-tkabbir u l-koeżjoni" adottati fl-20 ta' Ġunju 2013 (11487/13).

¹² http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/tools/statistics-indicators/platform-action/index_en.htm

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi adottati fid-9 ta' Marzu 2015 (7017/15).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 tas-26 ta' Ottubru 2015 (13201/15).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar Lejn strateġiji biex nagħmlu x-xogħol irodd (9647/17).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar li Ntejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE (6889/17).

3. Il-Kummissjoni Ewropea:

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010: "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, (COM (2010) 2020 final).
- "The Role of Men in Gender Equality -- European Strategies & Insights" (Ir-rwol tal-Irġiel fl-Ugwaljanza bejn is-Sessi -- Strateġiji u Perspettivi Ewropej)
http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/gender_pay_gap/130424_final_report_role_of_men_en.pdf
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2014 dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza ĠU L 69, 8.3.2014, pp. 112-116.
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019" (SWD(2015) 278 final).
- Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel dwar kif tingħeleb is-segregazzjoni okkupazzjonali
http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/opinions_advisory_committee/151125_opinion_occ_segregation_en.pdf
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Rapport tal-2017 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea" (SWD(2017) 108 final).
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017: "Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017)252 final).
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE 2017-2019 L-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa (COM(2017) 678 final).
- Digital Skills and Jobs Coalition (Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali)
<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/european-commission-invites-organisations-attract-more-girls-and-women-digital>

4. Il-Parlament Ewropew:

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2013 dwar l-eliminazzjoni tal-istereotipi tas-sessi fl-UE (P7_TA(2013)0074);
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa fl-era diġitali (P8_TA(2016)0204).

5. EIGE:

- Ir-rapport tal-EIGE "Is-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol" (14624/17 ADD 2);
- Dokument informattiv tal-EIGE "Benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE. Kif l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM twassal għat-tkabbir ekonomiku".
<http://eige.europa.eu/rdc/eige-publications/economic-benefits-gender-equality-eu-how-gender-equality-stem-education-leads-economic-growth>

6. Oħrajn

- Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iffirmata mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni
https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf
- Id-Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni
http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/repository/education/news/2015/documents/citizenship-education-declaration_en.pdf